MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Appell Civili - Ghawdex Numru. 1/2007/2

**Geswalda Saliba**

**vs**

**Mario Galea**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Awissu, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fl-14 ta' Awissu 2006 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitejn u tmenin Lira Maltin (Lm280) rapprezentanti prezz ta' air conditioning unit illi kien bil-hsara.

L-intimat baghat risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li hija rapprezentant tad-ditta intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti xtrat 'air conditioning unit' 1200 BTU minghand id-ditta intimata f'Mejju 2003 ghall-prezz ta' mija u hamsa u sittin Liri Maltin (Lm165) illi mill-ewwel kien bil-hsara u wara diversi tentattivi mill-intimat sabiex jirrangah dan baqa' difettuz. Fl-14 ta' Awissu 2004 l-intimat installalha iehor minfloku izda billi ma kellux air conditioners ta' 1200 BTUs, bl-approvazzjoni tar-rikorrenti installa wiehed ta' 1800 BTUs illi kien jiswa mitejn u tmenin lira Maltin (Lm280). Dan it-tieni air conditioner ukoll zviluppa diversi hsarat u minkejja illi l-intimat ipprova jirranga dawn il-hsarat, l-air conditioner baqa' difettuz.

L-intimat issottometta illi l-air conditioner jahdem tajjeb u ghandu biss bzonn ta' 'servicing' liema xoghol ma huwiex kopert bil-garanzija kif ukoll illi l-air conditioner qieghed jithammeg minhabba l-attivita` illi ssir fil-kamra, u cioe illi jsir hdim tas-suf.

Ra r-rapport tekniku dettaljat ipprezentat mill-espert tekniku mqabbad mit-Tribunal.

Ra s-sottomissjonijiet finali pprezentati mill-intimat.

It-Tribunal jinnota illi:-

l-intimat ghamel diversi tentattivi sabiex jirranga hsarat illi dwarhom ilmentat ir-rikorrenti u li dawn ma kienu biss ta' 'servicing' imma ta' hsara fl-apparat;

meta l-espert spezzjona l-air strainer li jservi sabiex jipprotegi l-mekkanizmu intern dan kien nadif u mhux imblokkat illi jindika illi ftit jew xejn jidhlu trabijiet fih minn gol-kamra fejn qieghed installat;

meta gie ezaminat l-evaporator irrizulta illi kien hemm ammont sinjifikanti ta' corrosion u kongestjoni qalb il-fins u li meta gie mhaddem u ttestjat irrizulta illi ma kienx qieghed ikessah kif suppost;

l-mutur illi jikkontrolla l-movimenti tal-louvers ta' l-indoor unit kien maqlugh u minflok l-intimat kien rabat spaga sabiex biha r-rikorrenti tkun tista' thaddem il-louvers manwalment;

l-outdoor unit kien issaddad hafna f'qasir relattivament qasir illi jirrifletti kwalita inferjuri tal-materjal tal-outer casting tal-unit illi suppost ikun weatherproof;

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal wara li kkonsidra illi d-diversi tentattiva mill-intimat sabiex jirranga dan l-air conditioner ma tawx rizultati pozittivi, u billi hemm indikazzjonijiet li ftit jew xejn jidhlu trabijiet go fih, jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn u tmenin Lira Maltin (Lm280) bl-ispejjez kontra l-istess intimat illi ghandhom jinkludu l-ammont ta' hamsa u sittin lira Maltin (Lm65) li huma l-ispejjez ammontanti ghall-espert liema spejjez thallsu originarjament mir-rikorrenti.**"**

Minn din is-sentenza l-intimat iressaq 'il quddiem l-aggravji li gejjin:-

(1) Is-sentenza hija nulla ghaliex ma segwietx l-okkju tal-kawza kif propost mill-appellata bl-att promotur taghha;

(2) Trattasi ta’ azzjoni redibitorja l-azzjoni hi maghluqa bid-dekors tal-perjodu ta’ sitt xhur ai termini ta’ l-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili;

(3) It-Tribunal ma messux qatt halla ferma n-nomina ta’ l-espert mahtur minnu minhabba l-“*bias*” tieghu;

(4) It-Tribunal, se mai, ma kellux jasal ghal konkluzjoni diversa minn dik ta’ l-espert;

Fuq l-ewwel motiv ta’ aggravju jibda biex jigi osservat illi skond l-Artikolu 174 (1) (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili kull skrittura jew att ta’ procedura ghandhom ikollhom “isem u l-konjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra taghha l-iskrittura ssir”. Dan jirrapprezenta l-okkju ta’ l-att hekk ipprezentat li, kif rikonoxxut, mhux suppost li jinbidel sat-tmiem tal-kawza. Fil-kaz in ezami l-appellanti jissottometti illi l-Avviz intavolat mill-appellata quddiem it-Tribunal kien jindika li l-azzjoni taghha kienet diretta kontra “Mr & Mrs Mario Galea” mentri fis-sentenza l-intimat hu raffigurat bhala “Mario Galea” biss. Hu ghal din ir-raguni li jinvoka n-nullita` tas-sentenza;

Huwa mill-ewwel evidenti illi s-sentenza ma tikkontjenix fl-okkju taghha indikazzjoni zbaljata ta’ isem ta’ xi parti fil-kontestazzjoni. Kull ma sar kien li jigi eliminat is-superfluwu (Mr & Mrs), kif hekk, wara kollox, ghamel l-istess appellanti fir-risposta tieghu u fl-atti l-ohra kollha sussegwenti minnu intavolati quddiem it-Tribunal. Dan, fil-hsieb tal-Qorti, ma ghandux jinduci ghan-nullita tas-sentenza, tant ghaliex il-kliem agguntivi “Mr & Mrs” ma jistghux, fis-serjeta`, jitqiesu essenzjali ghall-validita ta’ l-iskrittura skond l-Artikolu 174 (1) (b) surreferit, tant ghaliex l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kapitolu 378) jippreskrivi, ex-artikolu 23 (3) tieghu, illi “ebda procediment quddiem tribunal ma jkun invalidu minhabba f’nuqqas ta’ tharis ta’ formalita sakemm wiehed ikun mexa b’mod konformi kemm jista’ jkun mar-regoli”. Jikkonsegwi illi l-mezz estrem tan-nullita tas-sentenza ghal liema jirrikorri l-appellanti ma jistax jircievi favur minn din il-Qorti

ghaliex l-okkju tal-kawza, skarn mis-superfluwu ta’ dawk il-kliem, hu sewwa u bi precizjoni registrat fis-sentenza tat-Tribunal fejn si tratta tal-partijiet fil-litigazzjoni. L-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi respint;

Fil-kaz tat-tieni motiv ta’ aggravju huwa opportun li qabel xejn jigu ri-epilogati dawn il-preliminari. Jekk, *dato ma non concesso*, illi l-meritu tal-kawza jitratta minn vizzju redibitorju, hu ricevut fil-maggjor parti tal-gurisprudenza, anke jekk mhux dejjem, u, ankorke, din il-Qorti ghandha r-rizervi taghha in materja, illi t-terminu ghall-proponiment ta’ l-azzjoni redibitorja skond l-Artikolu 1431 (1) tal-Kodici Civili, hu wiehed ta’ dekadenza. Ara **Kollez. Vol. XXX P I p 639** fost hafna ohrajn. Eppure f’dan il-kaz din l-eccezzjoni ma gietx mill-appellanti sollevata quddiem it-Tribunal. Tinsorgi ghalhekk id-domanda jekk tali tistax titqajjem fl-istadju ta’ l-appell;

Tezisti bhala gwida generali l-enuncjazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell, sede Kummercjali, tal-15 ta’ Marzu, 1948 fil-kawza fl-ismijiet “**Emmanuele Borg *proprio et nomine* -vs- Neg. Joseph Grixti *et***”, illi “l-ligi trid illi qabel il-parti ma tidhol biex taghmel l-eccezzjonijiet taghha fuq il-mertu, ghandha tghid jekk ghandhiex xi tghid fuq il-gudizzju, u jkun evidentement kontra dik id-disposizzjoni [illum Artikolu 728 (1), Kapitolu 12] illi, wara li l-kawza tigi trattata fil-mertu fl-ewwel istanza, minghajr ma saret ebda eccezzjoni fuq il-gudizzju, imbaghad f’dan l-istadju ta’ l-appell isiru eccezzjonijiet fuq il-gudizzju, qisha l-kawza qeghda tibda quddiem din il-Qorti. Dan kien ikun kontra l-fondament ta’ l-appell …” Ara fuq l-istess binarju ta’ hsieb is-sentenza tal-Prim' Awla, Qorti Civili, tas-26 ta’ Mejju, 1995 in re: “**Vincent Parnis -vs- Pio Schembri**”, u “**David Camilleri *nomine* -vs- John Camilleri**”, Appell, 30 ta’ Gunju, 2000;

L-eccezzjoni issa mqanqla tad-dekadenza ta’ l-azzjoni hi wahda perentorja tal-gudizzju u, allura, ghal finijiet ta’ l-istadju li fiha kellha tigi sollevata ghandha titqies bhala

eccezzjoni dilatorja u kien jokkorri li titqajjem *in limie litis*. Dan anke ghaliex fir-rigward taghha ma tezisti ebda disposizzjoni espressa li tipprovdi xort'ohra (Artikolu 731, Kapitolu 12). La dan ma sarx f'dan il-kaz dik l-eccezzjoni ghandha titqies rinunzjata (**Kollez. Vol. XXXIII P I p 630**) in kwantu din tippresupponi dik il-kondotta processwali li tevidenzja l-ezistenza ta' dik il-volonta univoka li l-appellanti ma riedx iqajjem dik l-eccezzjoni. Anke allura dan l-aggravju qed jitqies infondat;

It-tielet motiv ta' aggravju jintroduci, anke jekk dan ma jinghadx espressament, ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali ghal liema l-Artikolu 22 (2) ta' l-Att jakkorda appell lil din il-Qorti. Permezz tieghu l-appellanti jaddebita lill-espert tekniku atteggjament negattiv u ta' "*bias*" fil-konfront tieghu u dan jimplika vjolazzjoni tar-regola ta' imparzjalita`. Kif drabi ohra profess minn din il-Qorti, diversament presjeduta, "allegazzjoni ta' '*personal bias*', li timplika abdikazzjoni tad-doveri ta' imparzjalita` ma kellha qatt issir sakemm min jaghmilha ma jkollux mhux biss il-konvinzjoni personali ghal tali akkuza, imma element ta' prova biex jiggustifikaha" ("**Rose Loftus *et* -vs- Ray Mallia (Blye Engineering Co. Ltd)**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur, 9 ta' Lulju, 1999);

Issa fin-Nota tieghu prezentata quddiem it-Tribunal (fol. 8) l-appellanti jaghmel diversi allegazzjonijiet tas-suppost *bias* ta' l-espert tekniku fil-konfront tieghu. *Inter alia,* (1) li dan ma tahx widen ghal dak li pprova jispjegalu; (2) li kienet l-appellata li waslitu bil-karozza taghha mill-port ta' l-Imgarr ghal Marsalforn u lura; (3) li dan kien diga` fforma opinjoni qabel ma ezamina l-air condition; u (4) li kien minacjanti versu lejh. Ikoll supposizzjonijiet u kongetturi minghajr is-sostenn ta' prova konkreta li setghet tallarma lill-Arbitru biex jevalwa kif jixraq il-bosta allegazzjonijiet li saru, u jekk dawn kellhomx mis-sewwa, b'mod li hu seta' posittivament jiccensura lill-espert nominat minnu f'dak l-atteggjament parzjali tieghu. La l-Arbitru, u lanqas issa din il-Qorti, ma jistghu japprezzaw dak li deherlu l-appellanti li kienet il-qaghda b'dik il-perspettiva personali

tieghu, meta, dwarha, il-provi ma jwasslux ghal dak il-konvinciment li hu ghab-bazi tal-gudizzju li kien aspettat li jsir fuq il-materja.  Ghaldaqstant, dan l-aggravju wkoll qed jigi skartat;

Riferibilment ghall-ahhar motiv ta' aggravju l-Qorti jidhrilha li ghandha in linea ta' introduzzjoni taghmel dawn il-kunsiderazzjonijiet:-

(1) Il-perizja ta' l-espert tekniku hi intiza bhala mezz istruttorju mahsub biex jassisti lill-gudikant b'opinjoni valutativa, relattiva ghall-aspett tekniku tal-kwestjoni.  Fil-kaz in ispecje, dik attinenti ghall-funzjonament u idonejeta ta' l-air condition provvdut u installat;

(2) Similment, bhal Qorti, ex-Artikolu 681 tal-Kapitolu 12, l-Arbitru mhux vinkolat bid-deduzzjoni ta' l-espert tieghu tant li, awtonomament mill-perizja, dan jista' jigbed il-konkluzjonijiet tieghu fuq il-bazi ta' elementi probatorji ohrajn akkwiziti mill-process.  Naturalment la l-Qorti u lanqas l-Arbitru ma jistghu leggerment jiddissentu mill-opinjoni teknika-valutativa ta' l-espert, jew jiddiskostaw ruhhom mill-konkluzjonijiet tieghu, jekk ma jipprovdux motivazzjoni ragunata u kritika, ankrata fir-rizultanzi processwali li turi b'mod logiku u guridiku l-ghala jkun qed jitbieghed, fuq il-pjan tekniku, mill-perizja.  Ara a propozitu d-decizjonijiet ta' din il-Qorti kif presjeduta in re: "**Rene` Savona Ventura -vs- Crosscraft Ltd - Clyde Farrugia**", 9 ta' Mejju, 2007 u "**Jesmond Spiteri *et* -vs- Cutajar Ltd**", 31 ta' Ottubru, 2007, trattasi wkoll ta' appelli mit-Tribunal f'din l-istanza adit;

Fil-fattispeci, it-Tribunal mhux talli ma qiesx inattendibbli fuq il-pjan tekniku r-relazzjoni ta' l-espert tieghu talli ghadda biex adotta l-accertamenti tieghu u rritenihom validi fuq il-pjan tal-kawzalita guridika.  Huwa veru li *in calce* ghar-rapport tieghu l-perti tekniku rrakkomanda li l-air condition jigi adegwatament riparat jew, altrimenti, sostitwit.  Daqstant iehor, pero`, huwa veru illi fl-Avviz promotur taghha l-appellata talbet, oltre dawn ir-rimedji,

anke dak li tigi rimborsata l-flus lura ha tkun tista' tixtri iehor. Tali rimedji kienu *ope legis* jirrientraw fid-disponibilita` esklussiva tal-konsumatur. Ara Artikolu 74 *et sequitur* ta' l-Att. It-Tribunal, anke ghal din ir-raguni, u dan b'zieda ma' riflessjonijiet ohra li ghamel fis-sentenza appellata, opta ghar-rimedju tar-rifuzjoni. B'daqshekk, ma jfisserx li t-Tribunal ma kienx qed jikkondividi l-perizja jew li allontana ruhu minnha. Ic-censura ta' l-appellanti mhix allura accettabbli u l-aggravju fir-rigward qieghed ghalhekk jitqies insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi kollha fuq dedotti, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------